Għeżież diretturi, kollegi u ħbieb,

Insellmilkom u nagħtikom merħba għal din iċ-ċerimonja qasira, imma sinifikattiva immens għalina kollha li għandna xi rabta mal-Fondazzjoni OASI.

Illum qegħdin niċċelebraw it-33 anniversarju mit-twaqqif ta' din l-organizzazzjoni. Apparti minn hekk din is-sena qegħdin infakkru wkoll il-25 sena mill-bidu tas-servizz residenzjali tal-Fondazzjoni. Kien eżattament fl-20 ta' Novembru tal-1998 meta l-Fondazzjoni laqgħet l-ewwel resident hawn f'dan il-bini. Kienet avventura b'ħafna nżul u tlajja' li minnha bbenefikaw ħafna u ħafna persuni – kemm dawk li użaw is-servizz kif ukoll dawk li pprovdew is-servizz tagħhom. U b'umiltà u bi gratitudni kbira nista' ngħid li jien kont wieħed minn dawk li bbenefikaw, għax m'hemmx esperjenzi qawwijin aktar minn dawk ta' meta tgħix it-tbatijiet ma' dawk li jkunu qed ibatu.

Il-lejla mhux ser indejjaqkom bil-figuri, però nixtieq naqsam magħkom ftit mill-inżul u t-tlajja' li esperjenzajna, għax mhux kulħadd jista' jimmaġina u jifhem ir-realtajiet li hawn madwarna - għax forsi mhux kulħadd qiegħed fl-istess dgħajsa.

Mill-bidu nett urejna biċ-ċar u sħaqna fuq li sħaqna li l-legalizzazzjoni tal-użu rikreattiv tal-kannabis qiegħda tgħaddi messaġġ negattiv lill-ġenerazzjonijiet li tilgħin. F'dawn l-aħħar xhur konna impenjati bis-sħiħ kontra l-użu tal-e-cigarettes (vapes) fl-iskejjel sekondarji tagħna. L-e-cigarettes ġew reklamati bħala anqas perikolużi mis-sigaretti tradizzjonali u kif ukoll bħala mezz biex wieħed jaqta' t-tabakk. Illum il-ġurnata l-istudenti

tagħna jemmnu li dawn l-e-cigarettes ma jagħmlux ħsara. Dawn jistgħu jinxtraw minn stationaries u, għaldaqstant, il-messaġġ li qed jitwassal huwa li l-e-cigarettes mhumiex ta' dannu għas-saħħa. Imma, mhux kulħadd qiegħed fl-istess dgħajsa.

It-tfal tagħna għandhom ukoll l-istess twemmin dwar in-Nitrus Oxide (il-laughing gas). Meta mmorru fl-iskejjel u naqbdu dan is-suġġett ninnutaw it-tbissima fuq wiċċ l-istudenti. Nafu li hemm użu qawwi fost dawk il-persuni li għandhom bejn l-14 u s-16-il sena. Sfortunatament dan l-abbuż qed isir f'postijiet fejn suppost hemm il-kontroll u l-ħarsien ta' wliedna. Għamilna r-rapporti meħtieġa u mhux dejjem sibna s-sapport f'dan ir-rigward. Imma, mhux kulħadd qiegħed fl-istess dgħajsa.

Urejna t-tħassib tagħna dwar id-drogi li qed jinbiegħu fis-supermarkets tagħna u anke online. Flimkien ma' kollegi mill-Caritas xtrajna diversi samples, f'perjodi differenti, għamilnielhom l-verifiki neċessarji f'laboratorju apposta, analizzajna r-riċerka, ħarisna lejn x'għamlu pajjiżi oħra, għamilna laqgħat u ppreżentajna evidenza. Ilna għaddejjin b'dan ix-xogħol kollu minn Settembru tas-sena l-oħra. Però, sal-ġurnata tal-lum, dawn id-drogi għadhom hemm fis-supermarkets fuq l-ixkaffa wara l-kaxxiera u dawk online jaslulek id-dar f'inqas minn nofs siegħa. Qed nirreferi għall-HHC, katamina li qegħda mmarkata bħala MDMA u amfetamina qegħda mmarkata bħala Speed. Ma' kull min titkellem jgħidlek – ma nista' nagħmel xejn. Ħafna huma dawk il-ġenituri li għandhom it-tfal ta' 18 – ta' 20 sena li qed jużaw il-kokaina fil-weekend u ma jafux x'ser jaqbdu jagħmlu. Imma, mhux kulħadd qiegħed fl-istess dgħajsa.

Il-Fondazzjoni taqbel mal-prinċipju ta’ Harm Reduction, imma qatt ma taqbel ma’ strateġija ta’ Harm Reduction għall-pajjiż kollu, għax allura jfisser li għandna epidemija. Sħaqna li l-messaġġ għandu jkun wieħed ta’ prevenzjoni. Illum il-United Nation Office for Drugs and Crime (UNODC) tana raġun. Araw ftit il-messaġġ li ħarġet din l-istituzzjoni – Investu fil-prevenzjoni – prevenzjoni wiesgħa mifruxa fuq il-livelli kollha, mibnija fuq evidenza, fuq koperazzjoni bejn dawk kollha li għandhom xi rwol fit-tmexxija, fuq it-tisħiħ tal-komunitajiet u tar-relazzjonijiet tagħna.

Ejjew inrawmu lit-tfal tagħna jkunu reżiljenti u mhux ifittxu s-sodisfazzjon u l-pjaċir, naturali jew li mhux. Ejjew ngħallmuhom li s-sodisfazzjon u l-pjaċir jiġu mill-ħidma altruwista, konsistenti u onesta. Ejjew ngħallmu lil uliedna kif għandhom jibnu r-relazzjonijiet tagħhom, kif illum ikunu persuni aħjar milli kienu l-bieraħ - għax huma individwi, la aħjar u lanqas agħar minn ħadd; huma parti minn katina. Il-ġenerazzjonijiet futuri jiddependu mill-inteġrità tagħna l-adulti. Imma, mhux kulħadd qiegħed fl-istess dgħajsa.

Ħa nieqaf nippriedka.

Ma rridx insemmi biss in-negattiv. Xtaqt naqsam magħkom esperjenza sempliċi imma fl-istess waqt ta’ kuraġġ. F’jum il-missier irċevejt ritratt u messaġġ mingħand żagħżugħ ta’ ‘l fuq minn 25 sena li kien magħna għal diversi drabi. Dan qalli hekk: “Illum ħriġt niekol ma’ missieri. U llum għall-ewwel darba kont kapaċi nħallas jien.” Kemm hu messaġġ qawwi għal dawk li bdew xi programm ta’ terapija – għax l-importanti mhux fejn qiegħed imma kemm imxejt. Mhux kulħadd qiegħed fl-istess dgħajsa.

Qabel nagħlaq, nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li, għal sena oħra sawru lill-OASI – għax l-OASI mhix il-ġebel imma n-nies li jaħdmu u joffru l-għajnuna tagħhom – min bil-ftit u min bil-ħafna. Grazzi lid-diretturi, lill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Anton Thewma, lill-Ministru għall-Għawdex, lill-Ministru tal-Politika Soċjali, lill-Onor. Dr. Borg u lill-membri tal-parlamentari Għawdxin. Nirringrazzja, b'mod speċjali, lill-istaff tal-paċenzja li jieħdu bija, lill-voluntiera tal-entużjażmu tagħhom, lill-benefiċjarji tad-determinazzjoni tagħhom u lilkom, li ħafna minnkom, ġejtu minn Malta biex tingħaqdu magħna.

Grazzi, Grazzi, Grazzi ħafna u mill-qalb.

Nagħlaq b'dan il-messaġġ. Semmejt din is-sentenza diversi drabi – "Mhux kulħadd qiegħed fl-istess dgħajsa". Kull min hu ftit dilettant tal-baħar jaf li mal-baħar ma tiċċajtax. Kull min għandu qoxra jaf li hemm barra fuq il-baħar, wieħed huwa bżonn tal-ieħor, għax il-baħar huwa żaqqu ratba u rasu iebsa. Vera li mhux kulħadd qiegħed fl-istess dgħajsa, imma tajjeb li nifhmu li kulħadd qiegħed fl-istess baħar.

Grazzi